# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 62/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Michael Mallia)**

**(Spt. Spidione Zammit)**

**vs**

**Etienne Camilleri**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Etienne Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 104277M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fil-Fgura nhar it-13 ta' Dicembru 2013, ghall-habta tas-19:00pm, ikkommetta serq ta' "tower crane cable", "diesel fuel" u xi oggetti ohra minn sit ta' kostruzzjoni, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi s-

somma ta €2329.37 u li sar ghad detriment ta' Andrea Baldacchino u/ jew persuni jew entitajiet ohra;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri s-somma ta €1164.69 fuq propjeta' privata, liema hsara saret ghad-dannu ta' Andrea Baldacchino u/ jew persuni jew entitajiet ohra;

2. Talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

4. ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skont il-provedimenti tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-1 ta' Frar, 2017 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w kkundannatu tlett (3) snin prigunerija;

Rat ir-rikors ta' Etienne Camilleri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 2017, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha **tikkonferma** s-sentenza moghtija fl-1 ta' Frar 2017 fejn sabet il-htija tal-appellanti bl-eskluzzjoni tal-aggravji tal-hin u x-xorta tal-haga misruqa fis-serq, izda **tirriformaha** u tvarjaha ghal dik li hija l-piena nflitta billi taghti piena aktar xierqa u gusta fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli avukat difensur tal-appellant kif ukoll tal-abbli Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari illi l-vizzju li minnu hu mahkum l-appellant kien jimmerita piena alternattiva minn dik karceraja u jkun mghejjun jgheleb dan il-vizzju;
2. Illi fi kwisjtonijiet ta' appelli dwar piena huwa ormai palezi illi bhala Qorti ta' Appell din il-Qorti ma ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni fdata f'idejn l-ewwel Qorti sakemm il-piena kominata tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tinghata piena anqas jew aktar skond il-kaz. Ir-ragunijiet ghal dan huma diversi u fosthom insibu illi l-ewwel Qorti tkun ghexet il-process u ma tistax tkun f'qaghda ahjar biex tikkalibra hi l-piena l-aktar li tixraq ghall-dawk il-fatti;
3. Minkejja li l-ilment tal-appellant ma huwiex dwar il-parametri imponibbli, din il-Qorti xorta wahda ezaminat l-artikoli relevanti li taghhom instab hati u tikkonkludi li l-piena erogata tirrientra sew fl-iskala bejn il-minimu u massimu komminabbli ghall-dawk ir-reati;
4. Ukoll minkejja dan, il-Qorti ezaminat l-atti b'mod approfondit u hi tal-fehma li d-decizzjoni tal-ewwel Qorti ghal-piena karcerarja kienet radikata mill-hsieb illi l-prigunerija mhix biss kienet l-pass li jmiss fil-hajja refrattarja tal-imputat izda ukoll sa certu punt mehtiega sabiex izomm 'l boghod mill-vizzju tieghu.

Wara li inghata diversi possibilitajiet fit-termini tal-Att Dwar il-Probation Kapitolu 446, huwa kellu jwiegeb ghall-addebitu tar-recediva u la darba rrizultat, oltre li la darba ukoll imputat bi ksur tal-istess Kapitolu, l-ewwel Qorti ma kellhiex triq ohra, aktar u aktar meta kkonsidrat is-Social Inquiry Report minnha kkomissjonat qabel ma erogat il-piena liema rapport kien ezaminat ukoll minn din il-Qorti;

5. Illi r-rapporti tal-Ufficcjal tal-Probation maghmula fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti ma jistghux ukoll ikunu injorati. Hekk ukoll irid jinghad ghas-suppliki maghmula mill-istess Ufficcjal tal-Probation sabiex dan l-appell ikun determinat mill-aktar fis minhabba il-qaghda ferm prekarja fis-sahha tieghu minhabba abbuz kontinwu mid-droga peress illi ma jrid jisma' minn hadd, id-dettalji ta' liema ser ikunu evitati ghal-fini ta' din is-sentenza;

6. Illi fis-sottomissjonijiet orali, id-difensur tal-appellant bir-responsabilta' u lejalta' kollha irrikonoxxa illi l-unika alternattiva hi li huwa jaghmel programm residenzjali fil-qafas ta' piena karcerarja. Fil-verita, xejn ma jidher li jista' jzomm lill-appellant boghod mid-droga hlief li jkun inkarcerat u jkun jista' jibbenefika mill-possibilitajiet kollha li jidhol f'wiehed mill-programmi ta' riabilitazzjoni. Jinghad diversi drabi f'din l-awla u fil-kuriduri tal-Qorti illi l-prigunerija mhux biss ma ssolvi xejn izda twassal ghal-aktar tentazzjoni minhabba li d-droga hija ukoll disponibbli f'dawk il-konfini. Din il-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu dwar jekk dan hux minnu jew le ghaliex ma sar l-ebda dibattitu in rigward, hlief li kieku kien il-kaz allura jkun jispetta lill-awtoritajiet sabiex jassiguraw li dawk il-konfini ikunu liberi mid-droga u li dan l-access ghaliha jkun projbit b'mod assolut bil-mezzi kollha disponibbli fid-dinja tant avvanzata tal-lum. Fic-cirkostanzi bhal dak odjern, il-habs huwa l-uniku rimedju ghall-appellant li minkejja li huwa sorveljat kostantement minn Ufficcjal tal-Probation xorta wahda

qed jaghmel minn kollox, u sfortunatament b'success, biex isib ruhu intossikat bid-droga sal-punt li wasal fix-xifer ta' hajtu;

7. Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod takkolji dan l-appell u konsegwentement qed tichad l-istess.

8. Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza minnufih tintbaghat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jippresta dik l-ghajnuna kollha partikolari li tista' tinghata lill-appellant biex jirriabilita' hajtu mill-vizzju tad-droga u tal-problema ta' rabja li qed iggeghlu jirribella kontra kull ghajnuna li inghata sa issa.